# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta’ Mejju, 2001.**

**Numru 4**

**Citaz. Nru. 1271/00GV**

**Salvatore Caruana**

**vs**

**Mary Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur huwa kreditur tal-konvenuta fis-somma ta’ elfejn lira (Lm2,000) oltre l-imghax legali mill-20 ta’ Awissu, 1995 ta’ flus lilha mislufa skond skrittura tal-20 ta’ Awissu, 1995 hawn annessa u mmarkata bhala dokument “A”;

Premess illi l-attur interpella diversi drabi lill-konvenuta biex thallas is-somma fuq imsemmija pero’ baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut;

Premess illi huwa jaf lilu nnifsu b’dawn il-fatti kif fuq dikjarati;

Premess illi l-konvenuta m’ghandha ebda eccezzjoni valida x’tissolleva;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u kif dispensat mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap XII tal-Ligijiet ta’ Malta u ghar-ragunijiet premess:

1. Tikkundanna lill-konvenuta tirrifondi lill-attur is-somma ta' Lm2,000 oltre l-imghax legali mill-20 ta' Awissu, 1995 skond skrittura ta' self datata 20 ta' Awissu, 1995 hawn annessa u mmarkata bhala dokument "A";

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Gunju, 2000.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tal-attur;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**